bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Walter Spiteri)
vs
Joseph Attard, iben
Victor, imwieled Pieta'
fl-14 ta' awissu, 1975

Illum, 8 ta' ottubru, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fit-8 ta' settembru, 2000, fil-Gudja, ikkometta serq ta' aktar minn għaxar liri maltin (Lm10) iżda inqas minn mitt lira maltin (Lm100) minn ġol-knisja parokkjali tal-Gudja, liema serq hu kwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-lok;
2. talli sar reċidiv b'diversi sentenżi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenżi saru definittivi;
3. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 u talli kiser il-provvediment ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin mogħtija lilu fil-21 ta' jannar, 2000.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-20 ta' april, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' ottubru, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu għaliex hu skonta tali sentenza. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 267, 269(a), 278(1)(2), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fatt li l-imputat qed isegwi kors residenzjali għar-riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga. Tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett mitt liri maltin (Lm300).